**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 26/2016**

**Clint Muscat (KI 92288M) u Martina Vella (KI 142991M)**

**vs**

**Matthew Scicluna (KI 233983M) u Claire Caruana**

**Illum, 04 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti;

Rat l-avviz tar-rikorrenti li talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu:

> "s-somma ta' ħamest elef sitt mija tmienja u erbgħin (€5,648) Ewro rapprezentanti flus li inthom irċevejtu biex tagħmlu xogħol fil-fond tagħhom liema xogħol ma sarx u jew ma sarx sew u b'hekk intom irċevejtu dawn il-flus illum indebitament u għandkom tirrifondu dawn il-flus lura. Anness ma' dan ir-rikors qed jiġi ezebit ir-rapport tal-perit Kenneth Rausi u kopja tar-riċevuti rilaxxati Dok A u B rispettivament."

Rat ukoll ir-risposta tal-konvenuta Claire Caruana li tghid hekk:

"1. Illi t-talbiet għandhom jiġu respinti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-mittenti ma daħlet fl-ebda kuntratt ta' appalt ma' l-attur. Illi hija qatt ma kienet fin-negozju u lanqas ma għandha xi sengħa sabiex tgħaddi d-dawl u l-ilma. Illi se mai l-kuntratt ta' appalt sar mal-konvenut Matthew Scicluna u għandhu jkun solament Scicluna illi jirrispondi għat-talbiet kif dedotti.

Bl-ispejjeż kontra l-attur minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat illi l-intimat Matthew Scicluna debitament notifikat, kif jirrizulta mill-atti fuq in-naha ta' wara ta' folio 13 u a folio 23 sa 30 tal-process, ma prezenta l-ebda risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Claire Caruana.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-qosor.**

F'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu li l-intimati jhallsuhom lura s-somma ta' ħamest elef, sitt mija tmienja u erbgħin (€5,648) Ewro, li r-rikorrenti kienu hallsu lill-intimati ghal xoghol li l-intimati kellhom jaghmlu fil-proprjetà tar-rikorrenti, liema xoghol ma sarx jew ma sarx sew.

L-intimata tiddefendi ruhha billi tghid illi hija ma kinitx parti mill-ftehim li sar bejn ir-rikorrenti u l-intimat l-iehor u ghalhekk ma tidhol xejn f'dan in-negozju u ghandu jirrispondi ghalih l-intimat Matthew Scicluna.

L-intimat Matthew Scicluna ma kkontestax it-talbiet tar-rikorrenti bl-ebda mod la permezz ta' risposta bil-miktub u wisq anqas bil-prezenza tieghu fil-kors ta' dawn il-proceduri.

**Gurisprudenza u Principji Legali Applikabbli**

Illi f'materja ta' appalt, il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet fejn iddikjaraw ruhhom u dahlu wkoll f'certu dettal. Fil-kawza fl-ismijiet: **Ian Pellicano u martu Dorianne Pellicano vs. Joe Bonnici eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "GRF Design Concepts" deciza fil-31 ta' Jannar, 2018,** il-fatti f'dik il-kawza kienu simili hafna ghall-kaz in ezami. F'dik il-kawza ntqal hekk:

> "Wara li ssir analiżi tal-provi li ġew imressqa, hu essenzjali li tiġi stabbilita l-figura ġuridika tan-negozju bejn il-partijiet f'din il-kawża. Mhuwiex ikkontestat li l-ftehim inkwistjoni kien wieħed ta' appalt fejn l-konvenut bħala appaltatur ipprovda kemm il-materjal kif ukoll ix-xogħol tiegħu. Però dak li hu kkontestat huwa x'responsabbilità għandu l-konvenut f'kuntratt ta' appalt u r-rimedji li l-atturi għandhom

għad-dispożizzjoni tagħhom. Dan għaliex ir-rimedji fir-rigward ta' kuntratt ta' sempliċi bejgħ ta' materjal u r-rimedji fir-rigward ta' kuntratt ta' appalt huma kemxejn differenti.[1]

...

Ġiet allura konċepita t-teorija żviluppata fid-duttrina u l-gurisprudenza Taljana 'secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivamente, in un'obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell'appaltatore' **(Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 58 tad-9 ta' Jannar, 1970)**;

Din it-teorija ittendi biex tassenja importanza deċiżiva lill-volontà tal-partijiet kontraenti. Teorija li wkoll sabet favur f'ċerta ġurisprudenza tagħna, kif manifest mis-sentenzi fl-ismijiet **Neg. George E. Camilleri vs. Joseph Mamo nomine**, Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Awwissu, 1951; **George Vassallo vs. Lawrence Fenech et nomine**, Appell Kummerċjali, 26 ta' April, 1988 u **John Debono vs. Anthony Fenech nomine et**, Appell Kummerċjali, 15 ta' Jannar, 1992;

Rigwardata minn din il-prospettiva tal-volontà tal-partijiet s-soluzzjoni tal-vertenza jidher li ġiet stabbilita skond l-ottika li wieħed jara l-kontrattazzjoni;

[1] Din il-Qorti ma hiex se tidhol f'tali distinzjoni, stante li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li fil-kaz in ezami si tratta minn kuntratt ta' appalt.

F'dan il-kuntest ġie ritenut, dejjem fil-ġurisprudenza Taljana, illi 'si tratterà di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell'ordinaria produzione dell'assuntore' (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 tal-1983**).

Tali tibqa' s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oġġett, purchè jkunu marġinali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esiġenzi tad-destinatarju tiegħu. Minn naħa l-oħra jekk il-modifiki 'siano tali da dare luogo ad un 'opus perfectum' inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si tratterà invece di appalto' (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000**).

Jekk, imbagħad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista' jiġi każellat taħt it-tip wieħed jew l-ieħor, jista' jiġi kwalifikat bħala 'contratto misto' (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 83 tal-1972**).'

Fil-każ odjern, abbażi tal-insenjament kif fuq spjegat, mingħajr dubju l-figura ġuridika tan-negozju bejn il-partijiet hija dik tal-appalt u allura għandhom isegwu d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw l-appalt senjatament l-artikolu 1640:

'1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.

(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma

li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.

(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti xxogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed millispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies talutilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma lkuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont issubartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta xxogħol kull eċċess li jirriżulta.

(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti.'

...

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Lino Borg vs. Anthony Buttigieg de Piro et**[2] kien ġie affermat illi l-appaltatur ma kienx intitolat lanqas għal xi parti mill-prezz tax-xogħol li għamel u dan kemm għax il-konvenuti ma kinux obbligati li jħallsu xejn qabel l-appalt jiġi esegwit skont il-ftehim bejn il-partijiet u għaliex f'dan il-każ l-ebda parti mill-appalt ma kienet saret skont is-sengħa u l-arti.'

[2] P.A., 13.01.1995. 47 **Carmelo Scicluna vs Giuseppe Mallia et**, Q.A., 31.05.1929.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tagħna, tqis illi l-atturi għandhom id-dritt għar-riżarċiment tad-danni li sofrew, apparti d-dritt għar-rifużjoni tal-pagamenti akkont li huma għamlu lill-konvenut...

...

> Il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex ma għandhiex tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Ġunju, 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja vs. Emanuele Muscat et** għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra lkonvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu il giudizio dell'arte espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi lkonklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli.

Kif ġie affermat ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijet **Edwin Vella vs. Joanna Briffa**[3]:

> '... illi l-konklużjonijiet peritali u x-xhieda tal-espert tekniku in eskussjoni jikkostitwixxu prova għall-Qorti (Artikolu 644 tal-Kapitolu 12) u, allura bħal materjali istruttorji oħra huma kontrollabbli mill-ġudikant. Ara **Giswarda Bugeja et vs.**

[3] 18.10.2006 *per* Imħallef Philip Sciberras.

**Emanuele Muscat et**, Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju, 1967. Hu minnu illi l-Qorti ma hix marbuta li taċċetta l-konklużjonijet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12), però daqstant ieħor hu wkoll konkordament riċevut u aċċettat illi 'dan ma jfissirx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raġuni tista' tiskarta konklużjoni ta' perit minnha nominat' (**Anthony Cauchi vs. Carmel Mercieca**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999).

Kif issokta jiġi preċiżat 'il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami'. (**Philip Grima vs. Carmelo Mamo et nomine**, Appell, 29 ta' Mejju, 1998)'.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Patricia Pace et vs. Alfred Mallia et**[4] ġie ritenut illi:

'Dwar il-konklużjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fissentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża Calleja vs. Mifsud irriteniet li:

'Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skont il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull

[4] P.A., 30.09.2010.

prova oħra. Mill-banda l-oħra però, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors tal-appell illi l-mertu talpreżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk ilkonklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.'"

Enuncjati dawn il-principji, l-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-provi fil-kaz in ezami.

**Provi**

Ir-rikorrenti **Clint Muscat**[5] xehed fis-seduta tas-26 ta' April, 2017 fejn spjega li flimkien mat-tfajla tieghu Martina Vella, fl-2015 xtraw il-proprjetà, numru 4, Sqaq Mohli, Birkirkara u ingagga lil *CC Turnkey Projects* sabiex jaghmlu xi xoghlijiet gewwa l-fond in kwestjoni. Il-proprjetà kienet wahda antika, *house of character* u ried jghaddi sistema ta' drenagg, dawl u ilma mill-gdid.

Ix-xhud kompla jzid jghid li huwa tkellem ma' Matthew Scicluna li acceda l-istess fond, flimkien ftehmu fuq prezz ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) sabiex isiru x-xoghlijiet. Ix-xoghlijiet kienu ser jigu ffinanzjati tramite facilità ta' self minn bank. Inizjalment tah pagament

[5] A folio 33 sa 43 tal-process

ta' tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800) sabiex jixtri l-materjal u jibda x-xoghlijiet, ghal liema Matthew Scicluna tah ricevuta fiskali[6] f'isem Claire Caruana.

Ix-xhud spjega li Matthew Scicluna beda jqatta' l-art sabiex jghaddi l-kanen tad-drenagg, izda ghalkemm il-ftehim kien li kif ilesti minn dan ix-xoghol u jibda xoghol iehor jghaddilu pagament, hmistax (15)-il gurnata wara talbu aktar flus ghal materjal, huwa accetta, fdah u ghadda pagament lil *CC Turnkey Projects* fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500) fejn it-tieni pagament hareg ukoll f'isem Claire Caruana.

Ix-xhud sahaq li f'inqas minn xahar lil Matthew Scicluna ghaddielu l-ammont ta' sebat elef u tlett mitt Ewro (€7,300).

Izda huwa stqarr li wara li tah l-ahhar pagament, ma rahx aktar b'ghajnejh ghalkemm cempillu u bghatlu diversi messaggi ghajr ghal okkazjoni wahda madwar xahar wara fejn irrisponda t-telefonata tieghu, mar fuq il-post b'madwar ghaxar (10) metri *pipe* tal-ilma u ferrixhom mal-art. Izda kif ix-xhud gie biex jitlaq ghax-xoghol ghal madwar it-tmienja u nofs ta' filghodu (8:30am), Matthew Scicluna hareg mieghu fejn spjegalu li kellu bzonn jixtri aktar materjal biex ikompli jahdem. Din kienet l-ahhar darba li hu ra lil Matthew Scicluna.

Sussegwentement ix-xhud spjega li ingagga Perit sabiex jistma x-xoghol li kien ghamel Matthew Scicluna u irrizulta li d-differenza bejn il-flus li tah u x-xoghol li ghamel, huwa kellu jigi rifuz l-ammont ta' hamest elef, sitt mija u tmienja u erbghin Ewro (€5,648).

Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tieghu fejn spjega li ma setax jifhem kif Claire Caruana qieghda tinsisti li hija m'ghandha x'taqsam xejn ma' *CC*

---

[6] Dok. CM1 – A folio 44 tal-process

*Turnkey Projects* meta l-pagamenti dejjem harighom f'isimha kif ukoll it-*trade name* jghajjat lilha.

In Kontro-Ezami x-xhud ikkonferma li huwa qatt ma iltaqa' ma' Claire Caruana u dejjem innegozja ma Matthew Scicluna f'isem *CC Turnkey Projects*. Huwa sahaq li fizikament kien Matthew Scicluna li hadem ix-xoghol izda il-pagamenti hargu f'isem Claire Caruana.

In Kontro-Ezami ulterjuri fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2018[7] Clint Muscat ikkonferma li lill-intimata Claire Caruana qatt ma kellimha u lanqas qatt ma talabha tmur fuq il-post sabiex taghtih stima tax-xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna.

Mistoqsi jekk qatt ghaddiex pagamenti lil Claire Caruana huwa sahaq li l-flejjes ghaddew lil, "*CC Turnkey Projects illi qeghdin f'isem Claire Caruana*[8]" fejn spjega li Matthew Scicluna kien informah li huma kienu *partners* fejn sahansitra kellu fil-pussess tieghu l-ktieb tal-VAT taghha filwaqt illi c-*cheques* kien johroghom f'isimha u kienet isarrafhom hija stess. Di fatti huwa kompla zied jghid li Claire Caruana kienet il-*partner* tieghu u kienet tehodlu hsieb il-karti.

Il-**Perit Kenneth Rausi**[9] ta x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit tat-13 ta' April. 2017 fejn ikkonferma li huwa hejja r-rapport[10] anness mal-istess affidavit in konnessjoni max-xoghlijiet maghmula fil-fond mertu ghal kawza odjerna ossià il-proprjetà tar-rikorrenti.

---

[7] A folio 81 sa 91 tal-process – Ghalkemm ma jiddiruzlta mill-verbal, jidher li dan huwa kontro-ezami tar-rikorrenti.
[8] A folio 86 tal-process
[9] Dok. CM06 – A folio 54 tal-process
[10] Dok. CM05 – A folio 48 sa 53 tal-process

**Claire Caruana**[11] xehdet fis-seduta tas-26 ta' April, 2017 in subizzjoni fejn ikkonfermat li 61, *Casa David*, *CC Turnkey Projects*, Triq ic-Cervjola, Marsaskala huwa l-indirizz taghha filwaqt li n-numru MT 22346004 huwa n-numru tal-VAT taghha.

Murija tranzazzjoni tal-bank[12] fejn inhareg *cheque* f'isimha fl-ammont ta' tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800) hija ikkonfermat li dan il-pagament kien inhareg f'isimha izda ma kienet taf xejn dwaru.

Murija ricevuta fiskali[13], hija ikkonfermat li r-ricevuta tal-VAT kienet fuq isimha mahruga mill-ktieb tal-VAT taghha fejn l-ammont kien ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500) u sahhqet li fuq dan il-pagament hija ma kienet taf xejn.

Ix-xhud ikkonfermat li hija kienet konsapevoli tat-*trade name CC Turnkey Projects* li jinsab fuq ir-ricevuta tal-VAT ghax kienet irregistratu hija stess mad-Dipartiment tal-VAT però ghalkemm irrikonoxxiet li l-ktieb tal-VAT jappartjeni lilha hija sahhqet li qatt ma uzatu.

Claire Caruana kompliet ix-xhieda taghha fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2017[14] fejn ikkonfermat li l-firma wara c-*cheques* in kwestjoni[15] kienet taghha u tat in-numru tal-karta tal-identità taghha, cioè, erbgha tlieta, erbgha, zero, disgha, tnejn (434092).

In Kontro-Ezami murija kopja tal-istess *cheques* x-xhud spjegat li ghalkemm jidhru imsarrfin, hija ma tiftakarhomx izda gharfet il-firma

---

[11] A folio 55 sa 60 tal-process
[12] Dok. CM2 – A folio 45 tal-process
[13] Dok. CM04 – A folio 47 tal-process
[14] A folio 75 sa 78 tal-process
[15] *Scan* tal-istess *cheques* minn quddiem u minn wara gew ipprezentati mir-rapprezentant tal-Bank Kummercjali Bank of Valletta p.l.c fl-istess seduta

taghha fuqhom. Hija kompliet telabora li *cheques* ma setghux jinhargu f'isem Matthew Scicluna u, "*dejjem kienu johorgu fuqi, però jien dawn qatt ma rajt l-ammont taghhom u one cent minnhom jien ma hadtx*.[16]"

**Joanna Bartolo**[17] in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c xehdet fis-seduti tal-5 ta' Lulju, 2017 u tad-29 ta' Novembru, 2017 rispettivament fejn spjegat li l-klijent tal-bank Clint Muscat kien hareg zewg *bank drafts* versu l-beneficjarja Claire Caruana enumerati wiehed, wiehed, zero, tlieta, zero, hamsa (110305) fl-ammont ta' tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800) li ssarraf fis-17 ta' Lulju, 2015 u wiehed, wiehed, zero, tlieta, disgha, sitta (110396) fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500). Ix-xhud ipprezentat *scan* taz-zewg *bank drafts* minn quddiem u minn wara[18] kif ukoll ikkonfermat li t-tnejn li huma gew imsarrfa.

**Claire Caruana**[19] tat ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit tas-27 ta' Gunju, 2018 fejn spjegat li fis-sena 2012 hija tat bidu ghal relazzjoni ma' Matthew Scicluna. Hija kompliet izzid tghid li Matthew Scicluna kien jahdem ghal rasu bhala *tile layer* kif ukoll kien jiehu hsieb bar gewwa Marsaskala. Ix-xhud stqarret li Matthew Scicluna ma setax juza s-servizzi tal-banek peress li, "*hu kellu kollox maqbud*[20]", konsegwenza ta' liema matul ir-relazzjoni taghhom, "*kien hemm ghexieren ta' drabi fejn il-klijenti tieghu kienu johorgulu cheques f'ismi u jien kont niffirmalu fuq wara biex isarrafhom hu*.[21]"

Ix-xhud spjegat li fis-sena, 2015, Matthew Scicluna informa lill-intimata li huwa kien ser jibda jimporta l-ghodda mill-esteru, ghal liema negozju

[16] A folio 77 tal-process
[17] A folio 62 sa 63; 69 sa 72 tal-process
[18] Dok. JB1 – A folio 75 tal-process; Dok. JB2 – A folio 76 tal-process
[19] A folio 95 sa 6 tal-process
[20] A folio 95 tal-process
[21] A folio 95 tal-process

huwa kellu bzonn ktieb tal-VAT. In vista tal-problemi li huwa kellu, ma setax jinhareg fuq ismu u hija kienet accettat li minflok il-kiteb tal-VAT jinhareg fuq isimha bil-patt u l-kundizzjoni li jiehu hsieb kollox Matthew Scicluna.

L-intimata sahhqet li hija iffirmat id-dokumentazzjoni relevanti ghal hrug tal-kiteb tal-VAT, l-istess ktieb hija qatt ma ratu u dejjem inzamm fil-pussess ta' Matthew Scicluna u ma ghamlitx qliegh minn dan l-arrangament. Hija sostniet li, "*jien kont qieghda biss naghmillu pjacir peress li kien il-boyfriend tieghi*.[22]"

Madwar xahar wara l-hrug tal-ktieb tal-VAT, l-intimata spjegat li intemmet ir-relazzjoni bejnha u bejn Matthew Scicluna. Ftit xhur wara Matthew Scicluna mar fuq il-post tax-xoghol taghha fejn talabha tiffirma zewg *cheques* li kienu hargu fuq isimha. Inizjalment hija irrifjutat illi taghmel dan fejn wissietu li jekk ma kienx ser jitlaq hija kienet ser iccempel lill-Pulizija. Proprju minhabba l-insistenza tieghu u peress li accertaha li din kienet ser tkun l-ahhar darba hija iffirmat c-*cheques*. Hija kompliet ziedet tghid li ma tatx kaz tal-kontenut tal-istess *cheques* ghax riditu jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol taghha kemm jista' jkun malajr. Sa fejn tiftakar, l-intimata stqarret li din kienet l-ahhar darba li hija iffirmat *cheque* mahrug f'isimha.

L-intimata sahhqet li lil Clint Muscat hija ma tafux, qatt ma kelmitu u l-ewwel darba li kienet semghat bih kien tramite ittra legali mibghuta da parti tal-avukat tieghu filwaqt li l-ewwel darba li kient ratu kien sussegwentement ghall-ewwel seduta wara li huwa intavola l-proceduri odjerni. Sahanistra hija sostniet illi, "*jien ma naf assolutament xejn dwar it-talba tieghu u n-negozju li qed jghid li ghamel ma' Matthew, u dan*

[22] A folio 95 tal-process

*peress li kif gja spjegajt, jiena ma kelli x'naqsam xejn ma dak li kien qed ihawwad Matthew*.[23]"

Fuq parir tal-Avukat tal-Fiducja taghha u in segwitu ghal ittra legali li hija irceviet mill-Avukat tar-rikorrenti hija tat bidu ghal proceduri sabiex tirkupra l-ktieb tal-VAT li kien f'isimha u li kien jinsab fil-pussess ta' Matthew Scicluna. Tramite ittra legali mibghuta kemm lil Matthew Scicluna kif ukoll lill-Pulizija Ezekuttiva, ftit jiem wara hija sabet il-ktieb tal-VAT fil-*letter box* taghha.

In Kontro-Ezami[24] fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2019 ix-xhud spjegat li r-relazzjoni bejna u bejn Matthew Scicluna kienet intemmet meta huwa kien tqabbad jaghmel ix-xoghlijiet lir-rikorrenti.

Ix-xhud ikkonfermat li l-ftehim bejna u bejn Matthew Scicluna sabiex jinhareg ktieb tal-VAT kien jirrigwarda negozju relatat mal-importazzjoni ta' ghodda mill-esteru. Hija kompliet izzid li parti minn dan il-ftehim kien li hija ma kenitx ser tithallas ebda forma ta' *commission* filwaqt li Matthew Scicluna kellu jkun unikament responsabbli ghal kwalunkwe spejjez relattivi ghall-istess.

Hija sahhqet li lir-rikorrenti Clint Muscat hija ma tafhux u qatt ma ltaqghet mieghu u ma kinitx a konoxxenza jekk l-ftehim li kien hemm bejnha u bejn Matthew Scicluna fir-rigward tal-gestjoni tal-istess negozju kienx inghad minnu lill-klijenti tieghu.

Ix-xhud sostniet li ma kienx hemm ftehim bejn l-intimati li ser jinformaw lill-klijenti ta' Matthew Scicluna bl-arrangament li kien sar bejniethom f'dan ir-rigward izda lanqas ma kien hemm qbil bejniethom

---

[23] A folio 96 tal-process
[24] A folio 107 sa 114 tal-process

li jzommu dan il-ftehim ghalihom proprju ghax hija ma kinitx taf min kienu l-klijenti ta' Matthew Scicluna u x'kien qieghed jaghmel bil-ktieb tal-VAT li kien qieghed jinzamm fil-pussess tieghu.

**Joseph Saliba**[25], in rapprezentanza ta' *Jobsplus* xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2018 fejn esebixxa l-*employment history* tal-intimati Matthew Scicluna[26] u Claire Caruana[27].

**Konsiderazzjonijiet**

Illi r-rikorrenti intavolaw il-kawza odjerna ghar-rifuzjoni ta' hamest elef, sitt mija tmienja u erbghin Ewro (€5,648) minn somma akbar fl-ammont ta' sebat elef u tlett mitt Ewro (€7,300) imhallsa lill-intimati ghal xoghol ta' appalt li ma sarx skont is-sengha u l-arti kif ukoll xoghol iehor li qatt ma tlesta gewwa l-proprjetà taghhom.

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubju li l-hlasijiet reklamati mir-rikorrenti saru permezz ta' cekkijiet fuq isem l-intimata Claire Caruana, liema cekkijiet gew mghoddija mir-rikorrenti lill-intimat Matthew Scicluna. L-istess intimat ghadda c-cekkijiet lill-intimata Claire Caruana li iffirmathom u l-istess cekkijiet gew imsarrfa.

Illi ghab-bazi tar-rapport peritali, li ma gie ikkontestat bl-ebda mod mill-intimati, l-bilanc dovut lir-rikorrenti, wara li ttiehed in konsiderazzjoni x-xoghol imwettaq mill-intimat Matthew Scicluna huwa ta' ħamest elef sitt mija tmienja u erbgħin (€5,648) Ewro.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

---

[25] A folio 100 sa 101 tal-process
[26] Dok. 'JS1' – A folio 102 sa 103 tal-process
[27] Dok. 'JS2' – A folio 104 tal-process

L-intimat Matthew Scicluna ma kkontestax it-talbiet tar-rikorrenti u huwa kontumaci. Fil-konfront tieghu ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati u ghandhom jigu milqugha.

Il-konvenuta Claire Caruana kkontestat it-talbiet tar-rikorrenti. Hija però mhijiex qieghda tikkontesta l-ammont reklamat mir-rikorrenti izda tishaq li ghalkemm il-ktieb tal-VAT li minnu hargu r-ricevuti lir-rikorrenti jghajjat lilha kif ukoll li kienet hi li ffirmat ic-*cheques* li hargu mir-rikorrenti f'isimha, hija ma dahlet fl-ebda negozju ta' appalt mar-rikorrenti. Kien l-intimat Matthew Scicluna li kkomunika mar-rikorrenti u sussegwentement innegozja maghhom u rcieva l-hlas in konnessjoni max-xoghol ta' appalt u ghat-talbiet rikorrenti hija tishaq li ghandu jwiegeb l-intimat Matthew Scicluna.

Il-kunsiderazzjoni guridika bazi fil-kawza odjerna hija wahda: min huwa responsabbli ghall-hlas ta' hamest elef, sitt mija u tmienja u erbghin Ewro (€5,648) lir-rikorrenti, Claire Caruana, Matthew Scicluna jew it-tnejn li huma solidament bejniethom?

Primarjment irid jigi stabbilit min kienu l-partijiet li fformaw parti mir-relazzjoni guridika. Fis-sentenza **Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma *vs* Emanuel Grixti** tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Jannar, 2007 inghad li:

> "*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Illi ghalhekk huwa proprju dan l-ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel, u cioè tifli l-provi prodotti sabiex tara jekk fil-fatt kienx hemm relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimati jew min minnhom.

Il-Qorti semghet lill-istess intimata Claire Caruana tammetti li kienet hi stess li kienet iffirmat id-dokumentazzjoni rikjesta sabiex jinhareg ktieb tal-VAT fuqha kif ukoll li kienu hargu c-*cheques* in kwestjoni f'isimha. Madankollu fix-xhieda taghha in subizzjoni hija sahhqet ghal diversi drabi li c-*cheques* ma kenitx iffirmat fuq wara taghhom, liema verzjoni inbidlet fl-affidavit taghha fejn insistiet li kif kienet qieghda taghti x-xhieda taghha, hija kienet ecitata mentri fil-fatt hija ffirmat *cheques "ghexieren ta' drabi*[28]" ghall-beneficcju tal-intimat Matthew Scicluna. Din l-allegazzjoni tal-istess intimata jehtieg li tigi ppruvata ghaliex huwa principju tal-ligi procedurali li min jallega ghandu fuqu r-responsabilità u l-kompitu li jaghmel prova sodisfacenti ta' dak li jkun qieghed jallega. Zewg massimi Latini uzati regolarment mill-Qrati taghna f'dan ir-rigward huma: *onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat*, kif ukoll: *reus excipiendo fit actor*.

Huwa evidenti li sabiex l-intimata tikseb l-prova bhal din, zgur mhuwiex facli, izda minn naha l-ohra ta' min jinnota li fl-ebda hin u mument l-intimata ma ressqet lill-intimat l-iehor Matthew Scicluna bhala xhud sabiex jikkonferma dak li kienet qieghda tallega hija stess.

Il-Qorti ukoll tinnota li l-intimata Claire Caruana ghalkemm tghid li hija ma kellha xejn x'taqsam mal-ftehim ta' appalt li kien hemm bejn Matthew Scicluna u r-rikorrenti, hija ma ressqet ebda prova sabiex turi li r-rikorrenti kellhom relazzjoni limitatament mal-intimat Matthew Scicluna.

---

[28] A folio 95 tal-process

Kien ghalhekk jinkombi fuq l-intimata Claire Caruana li ggib il-prova li hija ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti. L-intimata ma tistax tinnega li mill-provi dokumentarji kollha prodotti, minn imkien ma rrizulta li r-rikorrenti setghu jiddeducu li fil-fatt l-intimata Claire Caruana ma kenitx qieghda tinnegozja flimkien mal-intimat l-iehor Matthew Scicluna.

Illi in oltre, l-verzjoni tal-intimata illi hija ma kinitx parti minn negozju ma hija xejn kredibbli tenut kont li n-negozju huwa registrat f'isimha mad-Dipartiment tal-VAT u tenut kont ukoll illi c-cekkijiet kienu johorgu f'isimha, u hi kienet ukoll tiffirmahom biex jigu msarrfa. L-arrangament li seta' kien hemm bejnha u l-intimat l-iehor, jekk kien hemm, ma ghandu l-ebda relevanza jew enforzabilità ma' terzi persuni. Aktar u aktar meta tali ftehim, jekk kien jezisti, ma gie bl-ebda mod a konoxxenza tar-rikorrenti, la qabel sari l-ftehim ta' l-appalt. La fiz-zmien li kien qed jigi esegwit l-appalt, u wisq anqas meta l-intimat abbanduna l-appalt. Kien jinkombi lill-intimati li jinfurmaw b'tali ftehim lir-rikorrenti.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidament bejneithom ihallsu s-somma ta' hamest elef, sitt mija tmienja u erbghin Ewro (€5,648) lir-rikorrenti.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiddikjara illi fil-konfront tal-intimat Matthew Scicluna li baqa' kontumaci, it-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati; u

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimata Claire Caruana u tiddikjara illi fil-konfront tal-intimata Claire Caruana t-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati; u

3. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom sabiex jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' ħamest elef sitt mija tmienja u erbgħin (€5,648) Ewro, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza u cioe 11 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-intimati solidalment bejniethom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur